

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0357 (COD)

9763/17
ADD 1

FRONT 248
VISA 203
DAPIX 213
DATAPROTECT 108
CODEC 935
COMIX 399

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill / Kumitat Imħallat (UE-Iżlanda/Liechtenstein/Norveġja/Żvizzera)
Nru dok. Cion:	14082/16 FRONT 426 VISA 351 DAPIX 198 CODEC 1586 COMIX 729
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624 - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness għal din in-nota abbozz ta' Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, li għandu jiġi adottat flimkien mal-proposta msemmija hawn fuq dwar l-ETIAS.

Il-bidliet ġodda huma enfasizzati b'**tipa grassa sottolinjata** u [...] meta mqabbla mad-dokument ST 9580/17 ADD 1.

Wara d-diskussjonijiet fil-Coreper fl-24 u l-31 ta' Mejju, il-Presidenza tistieden lill-Kunsill japprova, bħala approċċ ġenerali, it-test li jinsab fl-Anness għal din in-nota.

Abbozz ta'

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta'
Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88(2)(a) tiegħu,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament dwar l-ETIAS jalloka kompiti ġodda lill-Europol [...], bħalma huma [...] l-iżvilupp u l-ospitar tal-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, l-għoti ta' informazzjoni relatata ma' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra lil din il-lista ta' sorveljanza u l-għoti ta' opinjonijiet wara konsultazzjoni mitluba mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS. Biex jiġu implimentati dawn il-kompiti, huwa għalhekk neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2016/794 kif meħtieġ.
- (2) [...] Ir-riżorsi meħtieġa mill-Europol għall-fini tal-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha kif jiinsabu f'dan ir-Regolament għandu jittieħed kont tagħhom, skont il-proċeduri applikabbli eżistenti.

- (3) [F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.]**
- (4) [F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit innotifika, (permezz tal-ittra ta' ...), ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]**
- (5) [F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]**
- (6) [F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, (permezz tal-ittra ta' ...), ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]**
- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) 2016/794

Ir-Regolament (UE) 2016/794 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4, paragrafu 1, għandu jiżdiedu l-punti (n), (o) u (p) li ġejjin:
 - "(n) tiżviluppa u tospita l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)) [...] abbażi tal-Artikolu 18(2)(a). Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta linji gwida li jispeċifikaw aktar il-proċeduri għal kwalunkwe proċessar tal-informazzjoni għall-fini tal-ospitar tal-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS kif jinsabu fir-[Regolament dwar l-ETIAS], wara li jikkonsulta mal-EDPS;
 - (o) tipprovdi informazzjoni lil-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS relatata ma' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra miksuba mill-Europol permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-Europol;
 - (p) tipprovdi opinjoni wara t-talba ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS))."
2. L-Artikolu 21 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) it-titlu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 21

Aċċess mill-Eurojust, l-OLAF u, għal finijiet tal-ETIAS biss, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għal informazzjoni maħżuna mill-Europol"

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-Europol għandha tiegħu l-miżuri xierqa kollha biex tippermetti li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fil-mandat tagħha u għall-finijiet tar-Regolament [ir-Regolament li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)], ikollha aċċess indirett fuq il-bażi ta' sistema hit/no hit għall-informazzjoni pprovduta għall-iskopijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 18(2) mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni indikata mill-Istat Membru, korp tal-Unjoni, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi l-informazzjoni inkwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 19(2).

F'każ ta' hit, il-Europol għandha tibda l-proċedura li biha l-informazzjoni li ġġenerat il-hit tkun tista' tiġi kondiviża, skont id-deċiżjoni tal-fornitur tal-informazzjoni lill-Europol u biss sal-punt li d-data li tiġġenera l-hit tkun meħtieġa għat-twertiq tal-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta relatati mal-ETIAS.

Il-paragrafi minn 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw skont dan".

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President